MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 883/2014

**George u Rita Zammit**

**vs**

**Emanuel Agius u Georgina Baldacchino u**

**P & A Baldacchino Limited (C29173)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emanuel Agius li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, intalbet din il-Qorti:

Thassar u tirrevoka l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet fuq indikati u kif ukoll li timponi l-penali kontra s-sekwestranti Zammit u tordna l-hlas ta' danni mill-istess ai termini tal-artikolu 836(8) u 836(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' George u Rita Zammit.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla gha ldigriet in camera.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qieghed isejjes it-talbiet tieghu fuq l-Art. 836(1)(d) u 1(f) tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta:

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew"*

> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Wara n-nota ta' riduzzjoni li permezz taghha l-ammont kawtelat gie ridott ghal €10,500 u, wara l-izbank tad-differenza, din il-Qorti tqis li Emanuel Agius m'huwiex gustifikat jippretendi oltre. Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Gunju 2013 ikkundannatu jhallas l-ammont ta' €9317.50. Ghalkemm din is-sentenza jirrizulta li giet appellata, ma jistax jigi michud li "prima facie" l-ammont huwa dovut. Lanqas ma jista' jitqies eccessiv l-ammont ta' €10,500 meta s-sorte hija ta' €9317.50.

Ir-rikorrenti inoltre jsostni li m'huwiex ragjonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh galadarba tul iz-zmien kollu li kienet ghaddejja l-kawza qatt ma nhasset il-htiega li l-kreditu jigi kawtelat. Ir-rikorrenti f'dan m'ghandux ragun. M'ghandux il-kreditur jigi issa penalizzat ghax mexa b'mod kawt u qaghad lura milli jezercita dritt li taghtih il-ligi – dak li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu.

Ir-rikorrenti jilmenta illi l-mandat laqat ukoll depoziti bankarji tal-konjugi tieghu. Il-Qorti tqis li galadarba l-mandat inhareg kontra r-rikorrenti wahdu, dan l-ilment m'ghandux jigi ndirizzat lis-sekwestrant. Kellu semmai jigi indirizzat lis-sekwestratarju, u cioè l-Bank li ghadda biex jiddepozita hwejjeg ta' persuna li, fl-ambitu ta' dawk il-proceduri, setghet tkun totalment estraneja.

Ir-rikorrenti odjern qed jitlob ukoll lill-Qorti timponi penali u danni ai termini tal-Art. 836 (8) u (9) tal-Kap. 12. Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li tista' ragonevolment twassalha biex tissanzjona b'dan il-mod lill-persuna li ma tidher li m'agixxiet b'ebda mod oltre milli tawtorizzaha l-ligi fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Emanuel Agius. Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------